TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 29 ta' Ottubru 2015

Avviz Nru 38/2015

Go Plc

Vs

Sylvia Zammit

It-Tribunal,

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett mija u tnejn u sittin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€ 362.59) import ta' servizzi ta' telefonija. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra' illi l-konvenuta giet notifikata b'dan l-avviz.

Il-konvenuta qatt ma pprezentat risposata jew dehret biex tikkontesta t-talba.

Ra' u sema' l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-27 ta' Ottubru li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenuta naqset milli tikkontesta din it-talba. Fil-fatt hija la prezentat risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deheret quddiem it-Tribunal sabiex tikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenuta saret validament.

Illi fis-seduta tat-27 ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra' ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sittin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€ 362.59) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenuta.

Kevin Mompalao
Gudikatur

Daniel Sacco
D/Registratur